**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Frar, 2023**

**Mandat Nru: 65/2023/1 AF**

**Dr. Naged Megally**

**vs**

**Onor. Ministru tas-Sahha**

**Celia Falzon fil-kwalità taghha ta' Kap Ezekuttiv u in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei**

**Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

**u**

**Clarence Pace, Joseph Bonello u Joseph Saliba fil-kwalità taghhom ta' Chairperson u membri tal-Bord tad-Dixxiplina rispettivament in rapprezentanza tal-istess Bord tad-Dixxiplina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dr. Naged Megally li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet izzomm lill-intimati milli jissoktaw bil-proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghu, inkluz kwalunkwe seduti quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u proceduri ohra.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba tal-Ministru tas-Sahha u Celia Falzon Kap Ezekuttiv.

Rat it-twegiba tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku.

Rat it-twegiba ta' Clarence Pace, Joseph Bonello u Joseph Saliba fil-kwalità taghhom ta' Chairperson u membri tal-Bord tad-Dixxiplina rispettivament in rapprezentanza tal-istess Bord tad-Dixxiplina.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, r-rikorrent qed jitlob li l-intimati jinzammu milli jissoktaw bi proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu.

L-intimati kollha jressqu xi eccezzjonijiet ta' natura preliminari. Madanakollu l-Qorti tirreferi ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Mpm Capital Investments Limited vs Alfred Anton Zarifa et (27 ta' Awwissu 2018) fejn inzamm illi:

> *"Eċċezzjonijiet "preliminari" ma jsibux posthom fi proċedura bħalma hija dik fejn jintalab il-ħruġ ta' Mandat*

*kawtelatorju. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ma għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak (App. Ċiv. 11.5.1962 fil-kawża fl-ismijiet Sammut vs Sammut et (Kollez. Vol: XLVI.i.242)). Biex "eċċezzjoni" bħal dik tista' titqies, trid tkun waħda li torbot ma' xi nuqqas ewlieni marbut mas-siwi tal-att ġudizzjarju nnifsu jew ħwejjeġ marbuta ma' dan u li l-liġi tikkontemplahom meta tqis is-siwi ta' atti ġudizzjarji (Art. 789 tal-Kap 12)."*

L-eccezzjonijiet preliminari fit-twegibiet f'din il-procedura ma jolqtux il-forma tar-rikors u din il-Qorti ghalhekk mhijiex ser tqishom.

L-Art. 873(1), (2) u (3) jipprovdi testwalment illi:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat. Eżami tal-qorti.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest hija cara u kopjuza. Il-Qorti taghmel pjena referenza ghad-decizjonijiet ta' din il-Qorti ghad-decizjoni V & C Contractors vs Direttur tal-Kuntratti (31 ta' Jannar 2011), fost ohrajn.

It-talba tar-rikorrenti f'din il-procedura qeghda ssir fl-isfond skond l-istess rikorrenti, ta' proceduri Kostituzzjonali mibdija minnu limitatament fil-konfront tal-Ministru u l-Kap Ezekuttiv intimati. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) laqghet it-talbiet tieghu u ddecidiet illi:

*"1. Tillibera lill-Ministru tas-Saħħa mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li t-trattament subit mir-rikorrent fuq deskritt jammonta għal trattament inuman u degradanti ai termini tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif esegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li d-deċiżjonijiet, azzjonijiet, u nuqqasijiet tal-intimati wasslu għal trattament diskriminatorju minħabba d-diżabilità tar-rikorrent in vjolazzjoni tal-artiklu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif eżegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba billi tordna b'effett immedjat ir-restiutio in integrum u ċjoè t-tneħħija tas-sospensjoni tar-rikorrent mill-post tax-xogħol tiegħu; ir-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol bl-istess kariga u bl-istess xogħol li kellu qabel l-inċidenti in kwistjoni; l-għoti tal-parti tas-salarju u benefiċċji oħra li setgħu tneħħewlu minħabba s-xvi sospensjoni, u t-tneħħija ta' kwalunkwe passi dixxiplinarji li hemm kontra tiegħu.*

*5. Tilqa' l-ħames talba billi tillikwida ammont ta' €5,000 (ħames elef euro) kumpens non-pekunjarju għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.*

*6. Tilqa' s-sitt talba billi tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tad-29 ta' Awwissu 2019 kontra l-intimata Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei."*

Minn din id-decizjoni sar appell li ghadu pendenti. Madanakollu, r-rikorrenti talab ezekuzzjoni tas-sentenza pendenti quddiem is-smiegh tal-appell. Il-Qorti tal-Appell cahdet din it-talba u qieset illi:

*"Milli fehmet din il-Qorti l-ordni ta' sospensjoni tal-Kap Ezekuttiv b'effett mit-12 ta' Ottubru, 2021, saret mhux b'referenza ghall-kaz mertu ta' din il-kawza li sehh f'Lulju 2018, izda b'referenza ghaz-zewg kazijiet ta' pazjenti li nqalghu f'Settembru u Ottubru 2021."*

Din il-Qorti tqis li, s-sisien li fuqu r-rikorrenti jibni mandat odjern huma essenzjalment jedd li huwa jghid johrog mis-sentenza tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali). Il-Qorti Kostituzzjonali digà wriet il-fehma li l-proceduri dixxiplinari mibdija fil-konfront tar-rikorrenti huma estraneji ghall-fatti lamentati fit-tul tal-proceduri kostituzzjonali. Jidher illi l-proceduri dixxiplinari jirrigwardaw kazijiet li sehhew sewwa wara l-ftuh tal-kawza kostituzzjonali fuq talba ta' Kap Ezekuttiv differenti minn dak originali involut fil-fatti lamentati fil-kawza kostituzzjonali.

Minn dan kollu l-Qorti tifhem li t-talba tar-rikorrenti f'dawn il-proceduri ma hija xejn hlief attentat li jigi mxejjen digriet moghti mill-Qorti Kostituzzjonali.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti mehtiega mill-ligi biex jigi gustifikat il-hrug tal-mandat mitlub.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-16 ta' Jannar 2013 u tiċħad definittivament it-talba għall-ħruġ tal-mandat kif mitluba fir-rikors tal-istess data.

L-ispejjez jitħallsu kollha mir-rikorrenti.

IMĦALLEF